MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2008

Appell Kriminali Numru. 25/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmelo Cauchi**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmelo Cauchi, bin Joseph u Josephine nee Caruana, imwieled fit-18 ta' Gunju 1956, detentur tal-Karta ta' l-Identita` nru 429856M, talli fit-30 ta' Ottubru 2007, meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbut b'kuntratt, naqas li jaghti lil martu Emmanuela Cauchi s-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u ghall-ulied fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih skond dak l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas dik is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta’ Jannar 2008 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Carmelo Cauchi hati skond l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu gimgha detenzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Carmelo Cauchi, minnu ppresentat fil-31 ta’ Jannar 2008, li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-9 ta’ Mejju 2008; ikkunsidrat:

L-appell hu limitat ghall-piena. L-appellant jikkontendi li hu sab ruhhu fl-impossibilita` li jhallas il-manteniment wara li s-sena l-ohra gie *boarded out* mill-impjieg li kellu minhabba ragunijiet ta’ sahha. Jirrizulta wkoll li huwa diga` ha l-passi neccessarji quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex jigi minn dik il-qorti awtorizzat jew jissospendi l-hlas tal-manteniment ordnat b’sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell, jew li dan il-manteniment jigi ridott, u dana dejjem minhabba il-bdil fis-sitwazzjoni tieghu. Jibqa’ l-fatt, pero`, li minn mindu spicca mix-xoghol u waqa’ fuq ir-*relief*, l-appellant anqas biss jidher li ghamel xi sforz biex isib xi impjieg iehor jew biex ghall-anqas ihallas xi haga, zghira kemm hi zghira, bhala manteniment tat-tifel – *a token gesture of good will*.

Fic-cirkostanzi din il-Qorti ghal din id-darba hi propensa li flok tibghat lill-appellant il-habs tikkundannah ihallas ammenda.

Ghall-motivi premessi tilqa’ l-appell u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss f’dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant ghall-piena ta’ gimgha detenzjoni u minflok tikkundannah ihallas ammenda ta’ tlieta w ghoxrin euro u disgha w ghoxrin centezmu (Euro 23.29), konvertibbli f’jumejn detenzjoni f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------